**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs**

**Luke Grech**

**Illum 19 ta' Jannar 2023**

**Kumpilazzjoni numru: 163/2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Luke Grech, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 355991(M), billi huwa akkuzat talli:

1. Nhar is-17 ta' Marzu 2021, ghall-habta tat-15:30hrs f'dawn il-gzejjer, fi Triq id-Dahla ta' San Tumas, Marsaskala, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-

medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi lil PS 1569 Darryl Farr u lil PC 1304 Christopher Seychell bi ksur tal-Artikoli 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti bi ksur tal-Artikoli 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PS 1569 Darryl Farr u PC 1304 Christopher Seychell, ikkagunalhom hsara fil-gisem jew fis-sahha, liema hsara hija ta' natura hafifa, hekk skont ma' gie ccertifikat minn Dr. Joanna Thompson M.D. (Reg. No. 4449) minn P Health Centre bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ittanta jhajjar lill-ufficjali pubblici biex jircievu flus u dan biex jikkorrompihom bi ksur tal-Artikolu 115(1)(c) u 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn 23.29 ewro ghad-dannu tal-Kummissarju tal-pulizija u/jew il-Gvern ta' Malta u/jew entitajiet

ohra ta' Malta bi ksur tal-Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn 23.29 ewro izda anqas minn 250 ewro ghad-dannu ta' PS 1569 Darryl Farr, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, hebb kontra persuna/i sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuna/i jew lil haddiehor, kemm –il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. U aktar talli rrenda ruhu recidiv wara li nghata sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. b'digriet datat 25 ta' Gunju 2018 u li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur tal-Artikoli 579 (1) (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u cioe` l-vettura Peugeot 108 bin-numru tar-registrazzjoni KQZ-502 a favur il-Gvern ta' Malta, ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-hatja ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, ai termini tal-Artikolu 533 et sequitor tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Rat l-Ordni u l-Kunsens tal-Avukat Generali (DOK CC10 u CC11)) pprezentati waqt il-prezentata tal-imputat quddiem Qorti diversament preseduta fid-119 ta' Marzu 2012 biex jigi iggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza illum il-Hamis 19 ta' Jannar 2023.

**<u>Il-fatti tal-kaz</u>**

Il-kaz imur lura ghal nhar is-17 ta' Marzu 2021 wara nofsinnhar fejn il-pulizija giehom suspett f'vettura f'Marsascala li kien fiha l-imputat li meta nduna bil-pulizija prova jevithom. Huma waqfuh kien hemm certu diskors mil-imputat lejn il-pulizija meta nduna li kien qabduh b'sustanzi li ssuspettaw li kienet droga kokaina u sustanza hadranija li ssuspettaw li kienet MDMA. Waqt l-arrest kien allegat li l-imputat offrilhom il-flus biex ma jirrapurtawhx dwar id-droga ghax kellu kaz iehor u zgur kien se jispiccca l-habs. Waqt l-argument l-pulizija soffrew griehi hfief u anke kellhom hsara ta' anqas minn 23 euro fl-uniformi u wiehed minnhom kellu hsara f'nuccali li kienet anqas minn mitejn ewro. Saret inkjesta' u fir-rapport ta' l-espert Emanuel Sinagra (fol 71) irrizulta li l-imputat kellu 14.7 grammi kokaina b'purita' ta' 23%, irrizulta ukoll li kellu u nstabet 3.72 grammi MDMA kuntrarju ghal dak li xliet lill-imputat il-prosekuzjoni fit-tieni akkuza fejn intqal li s-sustanza kienet eroina.

## KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI

### <u>Preliminari</u>[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq

tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuzi li gew magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-

kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Apprezzament tax-xhieda</u>**[2]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil- gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil- profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha.

[2] Ara spjega dettaljata tal-Imhallef Aaaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deciz 6 ta' Frar 2020

Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l- eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xiehda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu

rapport, bil-fomm jew bil- miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl- artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il- Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal- imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, sure bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall- provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż Majid,[4] Lord Moses stqarr hekk :

*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti :

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

[4] ibid.
[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is- sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal- akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix- xiehda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u ghandu jinghata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal- Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

*Il-Ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti.*[6]

F'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-każ **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[7] l-Imħallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit eċitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'ġara dakinhar tal-allegat inċident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkoreġux" il-verżjonijiet biex iġibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma

[6] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deċiż** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imħallef Vincent De Gaetano u l-Imħallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[7] Appell Kriminali Numru. 115/2006

ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti,* ***billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ:***

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu ghaxar (10) xhieda kif gej:

PC 1304 Christopher Seychell (*a fol* 36 et. seq.); PS 1569 Darryl Farr (*a fol* 39 et. seq.); PS 586 Mario Azzopardi (*a fol* 50 et. seq.); Profs. Emanuel Sinagra (*a fol* 66 et. seq.); Keith Cutajar (*a fol* 76 et. seq.); Mark Mussett (*a fol* 109 et. seq.); Dr. Bernard Spiteri Meilaq (*a fol* 141 et. seq.); Dr. Roberta Holland (*a fol* 213 et. seq.); Probation Officer Maria Mifsud (*a fol* 217 et. seq.); Maria Caruana (*a fol* 265 et. seq.).

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZI**

**<u>L-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni (Pussess Aggravat)</u>:**

Illi taht l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat ta' kokajina u eroina. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl- ismijiet Il-**Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l- Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic- cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. Il- Pulizija vs. Carmel Degiorgio [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill- Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri [2.9.1999].)*

Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill- ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha

l-Gudikant fuq il- fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi hard and fast rule x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkunx perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. Il-Pulizija vs. Brian Caruana [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

> *"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall- konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".*

Apparti l-gurisprudenza li saret riferenza ghaliha hawn fuq, il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal- Appell qalet hekk:

*"Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l- animus li jispacca*

*d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal- konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal- pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil- kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l- pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id- droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux bi pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis- sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat o meno ghandha tigi ezaminata: "l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-*

*prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101"".*

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq u mehud in konsiderazzjoni l-ammont ta' kokajina li nstab fuq l-imputatt minkejja ldik ta' 14.7 grammi liema ammont ghas-sitwazzjoni tieghu skont ix-xhieda ta' Dr Roberta Holland, il-Probation Officer Maria Mifsud u r-rapprezentanta tal-Caritas mhuwiex xi ammont ezagerat ghall-problema ta' droga li kellu l-imputat, il-Qorti hija serena tikkonkludi li dak misjub fuq l-imputat kien ghal uzu esklussiv tieghu. Fir-residenza fejn kien joqghod l-imputat instabu oggetti marbuta mat-tehid tad-droga bhal grinder u l-pipa. Il-mizien u l-boroz vojta setghu jaghtu l-impressjoni li kienu ghal skop biex tkun ippakjata droga izda ma ngabet l-ebda prova mir-rapport tal-espert tekniku Keithh Cutajar li l-imputat kien qieghed jitraffika l-kokaina. Il-Qorti thoss li l-istharrig dwar il-kaz kelu jkompli biex ir-rapport tal-espert ikun anlaizzat sew u anke taf kienu jaslu biex jaraw min kien qieghed jipprovdi d-droga lill-imputat. **Il-Qorti se ssib lill-imputat hati biss ta' pussess ta' droga koksina li kien ghall-uzu personali tieghu.**

L-imputat kien mixli li kellu l-eroina meta ma rrizultax dan mir-rapport tal-espert Sinangra, liema droga ohra kienet MDMA li mhix eroina kif juri r-rapport **Drug Fact Sheet** tald-Dipartiment tal-Gustizzja tal-Istati

Uniti tal-Amerika mahrug mid-Drug Enforcement Administration[8]. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil- konfront tal-imputat ma gietx pruvata u dan kif kien ikkonfermat mil-espert Emanuel Sinagra li ma nstabet l-ebda eorina u b'hekk l- imputat mhux er jigi misjub hati taghha.

**It-tielet u r-raba' imputazzjoni**
**Imputazzjoni (Artikoli 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tielet u l-hames imputazzjoni huma komprizi fir-raba' imputazzjoni.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

L-artikolu 96 tal-Kap. 9 jattribwixxi ħtija għal min *"jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġimill-awtorità*

[8] MDMA acts as both a stimulant and psychedelic, producing an energizing effect, distortions in time and perception, and enhanced enjoyment of tactile experiences. Although MDMA is known among users as ecstasy, researchers have determined that many ecstasy tablets contain not only MDMA but also a number of other drugs or drug combinations that can be harmful, such as: • Methamphetamine, ketamine, cocaine, cathinones, and caffeine

*kompetenti."* Minn eżami ta' dan l-artikolu tlieta huma l-elementi li jridu jiġu sodisfatti biex persuna tinstab ħatja ta' din l-imputazzjoni:

(i) Irid ikun hemm l-attakk jew ir-resistenza. Il-fatt li jkun hemm biss diżubbidjenza tal-liġi jew inkella ta' ordni mogħtija minn xi awtorita ma jissodisfax il-vot tal-liġi in kwantu jirrigwarda dan ir-reat. *Se mai* jkun jista' jirriżulta biss ir-reat kontemplat fl-artikolu 95. Fil-kummentarju tiegħu għall-Kodici Kriminali, il-Profs Mamo jistqarr li: *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith." ;*[9]

(ii) Ir-reat irid jiġi kommess fil-konfront ta' persuna inkarigata mil-liġi minn servizz pubbliku;

(iii) L-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt li huwa jkun qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ordni mogħtija skont il-liġi minn awtorita kompetenti. Il-Mamo jispecifika li: *"Therefore, any violence committed after the*

[9] Mamo A., Notes on Criminal Law, Vol. II, pg 47.

*law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, woult not give rise to the crime."*[10]

Issir riferenza wkoll għas-sentenza **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** mogħtija nhar it-12 ta' Settembru 1996 fejn kien inghad li: *"biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u* ***jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni****. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun gia' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95."* (enfazi mizjuda).

Illi, minn ezami akkurat ta' dak li nghad fir-rigward ta' x'inhuma l-elementi li jsawru r-reati taht Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 u mehud in konsiderazzjoni dak li jirrizulta fl-atti processwali u dak li gie kkunsidrat hawn fuq, il-Qorti ma ghandu jibqalghha l-ebda dubju li d-depozizzjonijiet tal-Ufficjali tal-Pulizija ghandhom jitwemmnu. Fl-istess mod, il-Qorti ma jibqalghha l-ebda dubju li l-

[10] Ibid. Pg 49.

elementi li jsawru reat msemmi taht artiklu 96 tal-Kap 9 gew sodisfacentement pruvati. B'hekk ser tinstab htija fl-imputat fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba kontrih, bit-tielet u l-hames imputazzjonijiet se jittiehdu bhala komprizi f'din l-imputazzjoni ghal skop ta' piena.

**Il-hames imputazzjoni**
**Ferita hafifa**

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 fejn qalet hekk:

**"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Minn ezami tal-provi prodotti quddiem din il-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova n-natura ta' l-offiza hafifa li garrbu l-pulizija li kienu qeghdin jesegwixxu l-arrest.

**<u>Is-Sitt imputazzjoni – Artikolu 115 u 120</u>**

**<u>Attentat ta' korruzzjoni</u>**

Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat fis-sitt akkuza bl-attentat ta' korruzzjoni meta l-imputat offra somma flus biex il-kaz jieqaf hemm. Il-fatt li l-imputat ofra dan lammont biex iwaqqaf l-azzjoni kontrih ikompli jsahhah il-fehma ta' din il-Qorti li mn ikun dipendenti hafna fuq sustanzi illectli jaghmel hwejjeg li kieku jkun f'sensih zgur li jekk ried jikkorrompli pulizija ma kienx joffrielu flus dak il-hin f'sahhna tal-mument meta kien imwerwer li nqabad. Il-Qorti tfahhar lil-pulizija li ma cedewx ghal din it-tentazzjoni u komplew jaqdu d-dmirijiet taghhom anke jekk is-sitwazzjoni zviluppat kif zviluppat.

Permezz tal-Artiklu 115 u 120 l-Kodici Kriminali jipprovdi:

**<u>Artikolu 115</u>**

> *115. (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in- konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –*
>
> *(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fiddmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin;*

*(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għallfatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa ħames snin;*

*(ċ) jekk, barra milli jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew lofferta, l-uffiċjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin.*

*(2) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, meta d-delitt kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkun sar minn persuna li, fiż-żmien meta kien sar id-delitt, kellha l-kariga ta' Ministru, Segretarju Parlamentari, Membru talKamra tad-Deputati, Sindku jew Kunsillier, u d-delitt ikun jinvolvi l-abbuż ta' dik il-kariga, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI tatTaqsima III tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi ma japplikawx għal dik il-persuna u għal kull kompliċi.*

**Artikolu 120**

*120. (1) Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 115, 116, 117 u 118, il-persuna li tikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku jew membru tal-Kamra tad-Deputati jew persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan ilKodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ, titqies li hija kompliċi.*

*(2) Jekk l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dan l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinsab ħatja,* ***il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin ….***

Fud din l-imputazzjoni l-Qorti se ssib lill-imputat hati u skont kif jindika Artikolu 120 fejn tidhol piena.

**Id-disa' imputazzjoni**

**Ksur tal-bon-ordni u paci pubblika**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha okkazzjoni tfisser f'diversi sentenzi taghha (ara, fost ohrajn, Il-**Pulizija v. Joseph Spiteri** App. Krim. 24/5/96), bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c- cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm il-ligi taghna tipprovdi ghad-difiza tal- legittima difeza f'kaz ta' aggressjoni diretta biex tikkaguna offiza fuq il-persuna (Art. 223, Kap. 9), kif ukoll tippermetti r-ritorsjoni proporzjonata fil-kaz ta' l-ingurja kontravvenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali (ara Il- **Pulizija v. Joe sive Joseph Vella** App. Krim. 7/12/95), fil-kaz tar-reat ta' ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika il-ligi ma tipprovdi ghal ebda difiza specifika.

Fi kliem iehor, wiehed irid jara fil-kaz konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Hu evidenti, per ezempju, li persuna li tigi aggradita u li tkun fil-fatt qed tiddefendi ruhha (mhux semplicement tirritalja ghal offiza fuq il-persuna li tkun diga saritilha) necessarjament ser tagixxi b'mod li tnissel f'mohh persuna ohra dak l-inkwiet jew thassib aktar 'l fuq imsemmi. Pero` l-agir ta' dik il-

persuna jkun, f'dawk ic-cirkostanzi, inevitabbli, u ghalhekk ma jistax jammonta ghal *breach of the peace*. L-istess ikun il-kaz jekk persuna tingurja *animus retorquendi* fil-limiti tal-Artikolu 339(1)(e) imsemmi – ikun kontrosens li wiehed jghid li dik l-ingurja ma tammontax ghal reat pero` l-fatt fih innifsu jammonta ghal reat iehor (taht l-Art. 338(dd))[11].

L-Imhallef Joseph Galea Debono waqt li kien qieghed jippresiedi l-Qorti tal-Appell Kriminali sostna li: Ma hemmx ghalfejn ikun hemm l-ghajjat u l-glied flimkien biex tissussisti l-kontravvenzjoni kontemplata fl-ewwel imputazzjoni w koperta bl-artikolu 338 (dd) tal-Kap.9 indikat fil-komparixxi w citat fis-sentenza appellata[12]. Di fatti dan is-subinciz (dd) jiddisponi li :-

*"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min :- (dd) b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra f'dan il-Kodici jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ."*

Minn dan jidher car li l-kliem tal-ligi jrid ikopri kull *"disturbance to the peace and good order"* sija jekk dan ikun gej minn ghajjat biss kif ukoll minn glied jew kolluttazzjoni fizika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni ohra. Mhux xi rekwizit tassattiv li dawn iz-zewg elementi jridu jikkonkorru f'daqqa w jista' jkollok wahda jew l-ohra jew xi manifestazzjoni ohra esterna li twassal ghad-disturb tal-buon ordni w l-kwiet tal-pubbliku.

---

[11] **Pulizija vs Monica Polidano.** App. krim. Imhallef Vincent Degaetano. 25 ta' Gunju 2001

[12] **Pulizija vs Paul Pace**. App Krim Inf Imhallef Joe Galea Debono. 3 ta' April 2003

Illi kif gie ritenuto fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Paul Busuttil** [23.6.1994]:

*"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl- artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c- cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil"* u *"dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

Dik il-Qorti kienet iccitat b'approvazzjoni lill-Imhallef Sir Adriano Dingli li fil-kawza "**Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et**." [Kolloz Vol. XII , p.472, 475] kien qal :- *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale , e' violazione dell'ordine pubblico , indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto."*

Meta wiehed jara x-xhieda li gabet il-Prosekuzzjoni dwar l-incident li sehh jidher car li l-imputat attakka lil persuni li kienu qeghdin jaqdu dmirhom, dwar lliema kontravenzjoni l-Qorti se tipprovdi dwarha meta taghti l-piena ghal-erba' imputazzjoni.

**<u>L-ghaxar Imputazzjoni</u>**

**<u>Art.339 (1) (d) Kap 9</u>**

Dwar din l-imputazzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Pace** deciz fid-9 ta' Mejju 1997:

> **"L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna <u>thebb</u> kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '...** *<u>attempts to use force</u> against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others ...'* **(enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku** *multo magis* **wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi."**

Il-Qorti hi konvinta li b'dak li qal l-imputat lill-ufficjali tal-pulizija ingurjahom u tawwal ilsienu u dwar dan il-Qorti diga' sqbet hati lil-imputat fil-hames imputazzjoni.

**<u>Hdax (11) -il imputazzjoni – Artikolu 579 Ksur ta' kundizzjoni helsien mill-arrest</u>**

Fil-hdax-il imputazzjoni l-imputat qieghed ikun mixli li kiser il-kundizjonijiet tal-helsien mill-arrest moghti lill-imputat fil-25 ta' Gunju 2018.

Artiklu 579 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:

> *(1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall- ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt i ma jkunx wieħed ta ̓natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b ̓mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta ̓xipersuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta ̓Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta ̓arrest kontra tiegħu:*
>
> *Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta ̓dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta ̓konsegwenza serja.*
>
> *(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta ̓reat u teħel, meta tinsab ħatja, **<u>il-piena ta' multa</u>** jew ta ̓priġunerija għal żmien ta ̓erba ̓xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f ̓parti minnu favur il-Gvern ta ̓Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.*

Ik-Qorti filwaqt li ssib lill-imputat hati li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, liema kundizzjonijiet ghandhom jittiehdu b'serjeta' u jitharrsu b'mod shih, issa li ghaddew hames snin minn meta l-imputat kellu jsegwi dawn il-kundizzjonijiet u sa fejn taf il-Qorti ma ngibditiliex l-attenzjoni li l-imputat kiser xi kundizzjoni inkluz ta; dawn il-proceduri tul dawn is-snin thoss li tkun aktar gusta li tapplika s-sanzjoni ta' multa kif jipprovdi l-istess kodici flok li tordna r-riarest tal-imputat u li jkunu konfiskati l-flus bhala garanzija. Ghalhekk fuq din l-imputazzjoni l-Qorti se tikkundanna lill-imputat ghal multa ta' tlett mitt ewro (€300)

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[13]

[13] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

**<u>Tolleranza zero fejn jidhlu attakki fuq forzi tal-ordni</u>**

Fl-Appell Kriminali[14] "**Il-Pulizija vs Anthony Roderick Farrugia**" [26.4.2007] dinkil-Qorti qalet:-

"*Kif irriteniet din il-Qorti diversi drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu l-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b'leggerezza w*

[14] Deciz mill-Imhallef Joe Galea Debono

*jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b'pieni irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f'dan il-kaz.*"

**Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza' tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skont il-ligi.**

**Il-Qorti tinkoraggixxi lill-ufficjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.**

Din il-Qorti taqbel u taghmel taghha d-dikjarazzjoni li ghamel il-kollega Magistrat illum Imhallef Aaron Bugeja fil-kaz il-**Pulizija vs Jerkin Decelis**, deciza fit-22 ta' Novembru 2013:

*L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu konstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista' tezisti f'armonija relattiva.*

## Is-sentenza Rittmar Hatherly u Justine Farrugia[15]

Din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Rittmar Hatherly et**. deciza mill-Prim Imhallef Vincent Degaetano fid-9 ta' Ottubru 2008, fejn huwa tajjeb li wiehed jara l-isfond ta' dik is-sentenza biex ikun aktar infurmat kif il-Qorti dakinhar irragunat, liema argumenti din il-Qorti taqbel maghhom u thaddanhom.

[Jibda biex jinghad li fil-fehma ta' din il-Qorti dana l-appell ta' l-Avukat Generali, bil-mod kif inhu redatt, jirrazenta l-fieragh. In fatti kullma jinghad fih, ghal dak li hu aggravju, hu s-segwenti:

**"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ghas-semplici raguni li deherilha li jkun ta' beneficcju ghall-imputati u s-socjeta`, poggiethom fuq Probation. Illi bir-rispett l-ordni ta' Probation hija intiza biex jinghata f'kazi genwini u mhux f'kazi bhal dawn fejn minkejja kull hniena mill-Qorti l-appellanti baqghu jiksru l-ligi kif jirrizulta mill-fedina penali taghhom. Illi f'dan il-kaz il-piena kellha tkun wahda karcerarja."**

Wara din l-esposizzjoni skarna u lakonika ta' l-aggravju, issegwi t-talba ghar-riforma – din il-Qorti qed tintalab tikkonferma s-sejbien ta' htija izda tirrevoka l-Ordnijiet ta' *Probation* u minflok "tinfliggi piena karcerarja effettiva skond il-ligi." F'dan ir-rikors ma sar lanqas l-icken tentattiv da parti tar-rikorrent appellant biex jipprova jinseg xi argument a bazi ta' dak li tghid il-ligi, per ezempju, fis-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, jew a bazi ta' dak li nsibu fil-gurisprudenza jew fl-awturi. L-appellant donnu isejjes l-appell tieghu unikament fuq il-kuncett ta' "kaz genwin" kontrappost ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-Qorti tkun precedentement uriet hniena ma' dak li jkun izda dan ikun baqa' jikser il-ligi. Anqas ma hu l-Avukat Generali

[15] App Nru 178/08

jitlob l-applikazzjoni ta' l-Artkolu 23 tal-Kap. 446 – hu qed jitlob biss "piena karcerarja effettiva" fil-konfront taz-zewg appellati.

Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia:**

"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs. A propositu ta' din il-karriera, l-Avukat Generali, fir-rikors tieghu, jghid hekk:

""F'dawn ic-cirkostanzi u f'din is-sitwazzjoni refrattarja u irriversibbli li fiha l-imputat waddab lilu nnifsu, l-esponent bl-akbar umilta` ma jista' qatt jaccetta jew jikkondividi it-tip ta' piena, jew ahjar il-mod kif l-ewwel qorti deherilha li kellha titratta mal-imputat. Hawnhekk ma ghandniex xi kaz ta' xi cittadin Malti ta' eta` tenera li habat difrejh l-ewwel darba mal-ligi u jinstab l-ewwel darba quddiem il-Qorti."

"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu

recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu ***Principles of Sentencing*** (Heinemann, London, 1979):

"" The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).

"U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' *Probation*:

""The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p. 236).

Minn dan kollu jidher car kemm hi zbaljata l-idea semplicistika ta' l-appellant li ghax persuna kienet inghatat precedentement xi forma ta' *non-custodial sentence* allura hija neccessarjament m'ghandhiex terga' tinghata *probation*. Kif inghad, kollox jiddependi fuq il-fattispeci partikolari tal-kaz, u b'mod specjali fuq il-*prospect of success* ta' dik il-mizura partikolari ghal dik li hija r-riforma tal-hati.]

## Probation meta l-piena taqbez s-seba' snin[16]

Jekk ic-cirkustanzi jkunu tali li jimmeritaw l-applikazzjoni tal-Att dwar il-Probation, il-Qorti tista' taghmel ordni taht dan l-Att anke jekk it-terminu ta' prigunerija jkun jaqbez it-terminu ta' seba' snin purche tali terminu ta'

[16] F'dan il-kaz ma jaqbzux is-seba' snin.

prigunerija ma jkunx aktar minn ghaxar (10) snin. Dan johrog bl-aktar mod car mill-proviso tal-artikolu 7(2):

**<u>"Izda meta fil-fehma tal-Qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, li għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat li, minbarra xi żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin, il-Qorti tista' tagħmel ordni ta' probation."</u>**
(Enfazi tal-Qorti)

Il-fatt li l-piena hija aktar minn seba' snin m'ghandux b'mod awtomatiku jeskludi l-applikazzjoni tal-Kap. 466. Din il-prassi gia giet segwita minn Qrati ohra u din il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandiex taghmel l-istess. Issir riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Doriette Cuschieri) vs Noel Bonello</u>** (Kumpilazzjoni Numru 293/2017)[17] fejn il-Qorti ghamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet u waslet sabiex timponi ordni ta' probation minkejja li l-piena kien teccedi s-seba' snin prigunerija:

*"Illi dwar il-piena, il-Qorti tinnota li l-ewwel imputazzjoni ggorr maghha piena sa massimu ta' disa' snin prigunerija. Illi jekk wiehed jara l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat jekk wiehed jigi biex jikkunsidra piena din certament se taqbez is-sentejn prigunerija u ghalhekk il-Qorti ma tistghax timponi sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.*

[17] Deciza fit-12 ta' Lulju 2017.

*Illi l-Qorti hija konxja wkoll illi biex tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation il-piena ghar-reat li tieghu l-imputat se jinsab hati ma tridx tkun iktar minn seba' (7) snin prigunerija. Illi l-Qorti semghet kif l-imputat huwa afflitt bil-problema tal-loghob tal-azzard u l-flus li huwa rcieva mertu ta' din il-kawza uzahom kollha biex jissodisfa l-vizzju tieghu. Il-Qorti semghet ukoll li l-imputat huwa impjegat bhala kennies u li jircievi salarju ta' madwar seba' mitt ewro (€700) fix-xahar.*

*Illi l-imputat iddikjara wkoll illi huwa lest li joqghod ghal kwalunkwe direttiva li tista' taghtih din il-Qorti sabiex jinghata l-ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tal-loghob, filwaqt li jaghraf li jrid jaghmel tajjeb ghall-hsara li ghamel lill-vittma Josette Abela.*

*Illi l-Qorti, filwaqt li hi konxja tal-gravita` tar-reati mwettqa mill-imputat u talpieni li jgorru maghhom, hija tal-fehma illi minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fost ohrajn:*

*1. L-imputat huwa afflitt minn problema serja ta' loghob;*
*2. L-imputat ghandu impjieg u jekk jintbaghat il-habs jitlef tali impjieg bil-konsegwenza li l-vittma tista' ma tigi qatt ikkumpensata;*
*3. Illi l-imputat ghandu bzonn direzzjoni u gwida minn persuni professjonali biex jeghleb il-problema tal-loghob;*
*4. Illi l-imputat ghandu fedina prattikament netta;*

*huwa ghandu jibbenefika mill-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u jinghata cans idawwar ir-rotta ta' hajtu u dan billi*

*jitqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation u kif ukoll jinghata Ordni ta' Trattament. Naturalment l-imputat irid ukoll jaghmel tajjeb ghall-hsara kkawzata bl-agir tieghu."*

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-ulizija vs Simon Borg**[18] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;

(b)Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn

[18]Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-

aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **effetti riedukattivi u korrezzjonali** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

Il-Qorti fliet sewwa r-rapport tal-**Probation Officer Maria Mifsud** fejn spjegat it-trasformazzjoni li ghamel f'hajtu l-imputat tul dan il-kaz u llum ghal familja ~binhom rega' rxoxtha mill-mewt~, ghandu impjieg, beda jibni familja u jinsab fil-fazi finali tal-programm ta' riabilitazzjoni ghand il-Caritas. Ir-rizultati kollha ghat-testijiet tad-droga kollha rrizultaw fin-negattiv.

**<u>Maria Caruana rapprezentanta tal-Caritas</u>** spjegat pass pass minn kif l-imputat kien dipendenti b'mod goff ghal konsum tad-droga u kif meta beda it-triq tar-riabilitazzjoni ghamel sforz qawwi biex isalva hajtu u jimxi mad-diretivi li jinghata kemm meta kien barra kif ukoll waqt il-kors residenzjali f'San Blas. L-imputat illum ha sahhtu lura tant li jipprattika l-atletika u jekk kollox jibqa' jmur sew jiggradwa f'Gunju li gej meta jkun dikjarat hieles mid-droga u jirritorna fis-socjeta' hieles milll-vizzji u lest biex jaffronta l-isfidi tal-hajja.

Ix-xhieda ta' **<u>Dr Roberta Holland</u>** (fol 213) turi bic-car is-sitwazzjoni li kellu l-imputat li kien dipendenti ghall-ahhar ghad-droga u kelllu *substance use disorder*. Liema dipendenza kienet tmur lura ghal 2005.

**Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat u jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea fic-cirkostanzi, u dan ghaliex l-imputat waqt il-mori ta' din il-kawza qabad il-barri minn qrunu u ghazel li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni ghand l-CARITAS wahda mill-agenziji ewlenin ta' pajjizna li jghinu tassew lil dawk li jirrikorru ghandhom ghal ghajnuna. Jkun aktar facli ghal din il-Qorti li b'daqqa ta' piena tigi taqa' u tqum mill-isforz li ghamel l-imputat biex jaqbad it-triq it-tajba. Kieku l-Qorti taghmel dan barra li tkun qeghda tohloq ingustizzja flok gustizzja mal-imputat, tkun qeghda taghti daqqa ta' harta lill-hidma li twettaq b'tant ghozza u professjonalizmu l-Caritas. Veru li l-post fejn topera din il-Fondazzjoni jinsab f'periferija ta' rahal qalb l-ghelieqi, izda dak li twettaq il-Caritas ma' dawn il-persuni li jirrikorru ghandha tifthilhom toroq wiesa' u terga' tpoggihom fic-**

**centru tas-socjeta' taghna hielsa mill-vizzji u lesti li jaffrontaw il-hajja bl-isfidi li toffri din il-hajja f'kull gurnata li tghaddi. Anke jekk persuna tul it-triq li tkun qabdet issib xi skoll il-Qorti ghandha terga' ghal darb'ohra taghti l-id tal-ghajnuna u tara li dik il-persuna tista' tasal biex tkun cittadin idoneju ta' dan il-pajjiz. Il-Qorti tfahhar ukoll il-hidma tal-Probation Officer f'dan il-kaz Maria Mifsud li segwit lill-imputat permezz ta' supervision order li kienet taggorna lill-Qorti kontinwament bl-aggornament u l-andament tal-imputat.**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti: wara li rat Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta u artikoli 17, 95, 96, 221, 325(1)(d), 115, 120, 339(1)(d), 338(dd), 579(1)(2), 49, 50, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Luke Grech hati tal-ewwel imputazzjoni izda ta' **pussess ta' kokaina biss ghal uzu personali u mhux f'cirkostanzi li juru li ma kinetx ghal uzu esklussiv tieghu**, tat-tielet, tar-raba' tal-hames, tas-sitt, tas-seba' tad-disa' u tal-ghaxar imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fejn il-Qorti qieset dawk komprisi fir-raba' imputazzjoni u l-konkors tal-pieni kif jipprovdi artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti qieset ukoll l-addebitu tar-ricediva indikat f'imputazzjoin hdax u qeghda tipprovdi gha;; imputazzjoni 12 dwar ksur ta' kundizzjonijiet marbuta mal-helsien mill-arrest. Il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien imputazjoni stante rinunzja mill-parte civile stante li l-imputat halklsu

tad-danni li kkagunalu u qieghda tilliberah mit-tieni imputazzjoni stante li ma ngabitx xi prova li l-imputat kellu l-eroina la ghal uzu personali u wisq aktar li din ma kinetx ghal uzu esklussiv tieghu u ghalhekk qeghda tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza u ghall-hlas ta' multa ta' erbat' elef u tlett mitt Euro (€4300).

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputat sabiex a tenur tal-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali ihallas l-ammont totali ta' 668.82 EWRO rapprezentanti spejjez ta' esperti li gew inkorsi fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti mhix se tordna l-konfiska ta' dak li ntqal li hu l-*corpus delicti* igifieri l-vettura li kien biha l-imputat stante li din diga' kienet ritornata lura mill-pulizija u lanqas irrizulta dak li tehtieg li jirrizulta lill-Qorti biex tordna l-konfiska.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-

Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat skond id-direttivi tal-istess ordnijiet.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokumenti ''ES2'' hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

____________________

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur